MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 2359/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited (C-597)**

**Vs**

**Anthony Borg u Gordon Borg**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' hames mija u hamsa u tletin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm535.97c) rapprezentanti l-hlasijiet effettwati mis-socjeta' attrici ai termini ta' l-Att Dwar Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur Ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta), in konnessjoni mal-proceduri fl-ismijiet GasanMamo Insurance Agency Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Denis Stellini Vs Joseph Debono et (Deciza 2 ta' Gunju, 2003), li kienu jirrigwardaw l-incident awtomobilistiku li

sehh fid-29 ta' Dicembru, 1998, gewwa Naxxar bejn il-vettura misjuqa mill-konvenut Gordon Borg, bin-numru ta' registrazzjoni CAQ 989, di proprjeta' tal-konvenut Anthony Borg u minnu assikurata mas-socjeta' attrici, u l-vettura proprjeta' ta' Denis Stellini bin-numru ta' registrazzjoni CBF 314, u dan wara illi l-konvenuti naqsu milli jinfurmaw lis-socjeta' attrici dwar l-incident de quo u l-istess proceduri gudizzjarji msemmija, bhalma kienu obbligati illi jaghmlu ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva, liema nuqqas awtomatikament jinvalida l-imsemmija polza, u jintitola lis-socjeta' attrici sabiex tirkupra l-ammonti kollha minnha mhallsa ai termini ta' l-istess.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandati Kawtelatorji li gew ipprezentati kontestwalment ma' l-Avviz tat-talba, u nteressi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz tat-talba sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx Risposta ghalkemm debitament notifikati;

Sema' lil Dr Ramona Frendo tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------